**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Ottubru 2020**

Kawza Numru: 28/2018(MS)

Alexander Axiak (K.I. 22373G)

vs

George Mario Farrugia (K.I. 24984G)

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba tal-attur Alexander Axiakipprezentat fl-20 ta' Novembru 2018, fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' tmien mitt Euro (€800.00), import ta' kambjala regolarment skaduta u dovuta (Dok A), liema kambjala baqghet ma thallsitx. Bl-imghax mid-data tal-iskadenza tal-kambjala sal-effettiv pagament. Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-18 ta' Dicembru 2018 fejn eccepixxa li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mhux dovut. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi permezz tal-avviz tieghu, l-attur qed jitlob il-hlas minghand il-konvenut fuq kambjala ta' €800.00 Il-konvenut min-naha tieghu, ressaq l-eccezzjoni li t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex l-ammont mhux dovut.

Illi rrizulta mill-provi illi l-attur kellu gabbana bil-permess u f'Lulju 2017 ghamel ftehim mal-konvenut fejn kien krielu l-operazzjoni tal-gabbana ghax-xhur bejn il-hamsa ta' Lulju u l-ahhar Novembru, versu l-prezz ta' €1600.00, u dan skond skrittura ffirmata bejn il-partijiet.

Illi fl-affidavit tieghu, l-attur ighid illi mill-ammont miftiehem, il-konvenut kien hallsu s-somma ta' erba mija u hamsin Euro (€450.00) mal-ftehim u tliet mija u hamsin Euro (€350.00) f'Settembru 2017. Ighid ukoll illi ghall-bilanc ta' tmien mitt Euro, kienet saret kambjala li kellha tithallas sal-10 ta' Awwissu 2017 izda l-konvenut baqa' ma hallsux. Xehed ukoll illi f'Settembru 2017, il-konvenut kien sab il-gabbana mahruqa u l-attur kien qallu illi la l-gabbana kienet f'idejh, huwa (il-konvenut) kien responsabbli ta' dan. L-attur jinsisti illi hu qatt ma tterminalu l-ftehim u ghalhekk il-konvenut kien fadallu itih is-somma ta' tmien mitt Euro (€800.00) li kien intrabat jaghtih skond il-ftehim tal-5 ta' Lulju 2017 u skond il-kambjala datata 10 ta' Lulju 2017 li kellha tithallas sal-10 ta' Awwissu 2017. Sena wara, f'Awwissu 2018, l-attur kien ghamel ittra ufficjali ghall-hlas u l-konvenut kien wiegbu illi ma'ghandu jaghtih xejn ghaliex ma kien baqa' ebda ftehim mieghu.

Illi min-naha l-ohra, l-konvenut, filwaqt illi qabel illi kien sar ftehim mal-attur ghal kiri tal-gabbana versu l-prezz ta' €1,600, ighid illi huwa hallas lill-attur elf Euro (€1,000) b'kollox: fil-5 ta' Lulju 2017, u cjoe' fil-gurnata tal-kuntratt, il-konvenut hallas l-ewwel tmien mitt Euro (€800.00); wara l-ewwel gimgha ta' Settembru l-konvenut iddecieda illi jzarma l-kiosk u jaghtih lura lill-attur u dam xi tlett gimghat jigri warajh biex jirranga prezz peress illi kien ser itemm il-kirja xahrejn qabel iz-zmien, sakemm fl-ahhar ftehmu fuq hlas ta' mitejn Euro li hallas lill-attur (cash) li gie jigborhom mill-hanut tal-konvenut lejn l-ahhar ta' Settembru. Ta' dawn ma hax ircevuta. Il-konvenut ighid li ghalqu l-deal u ghamlu *shake hands*. Dakinhar, ftehmu wkoll li kienu se jmorru jirmunkaw il-kiosk jumejn wara pero' nel frattemp il-konvenut sab il-kiosk mahruq. Immedjatament cempel lill-pulizija u ghamel gurnata hdejn il-post jistenna l-esperti u l-pulizija jigu. Il-konvenut ighid li l-attur dam xi saghtejn sakemm gie fuq il-post, bil-kalma kollha, umbaghad telaq l'hemm.

Ikkunsidra

**L-ewwel pagament ta' tmien mitt Euro**

Hemm qbil bejn il-partijiet illi l-ewwel tmien mitt Euro thallsu mill-konvenut, pero' anke hawnhekk, il-partijiet ma jaqblux fuq kif u meta thallas.

L-attur ighid illi l-ewwel pagament ta’ tmien mitt Euro thallas f’zewg dati differenti: €450.00 thallas mill-konvenut meta ffirmaw il-kuntratt, u l-bilanc ta’ €350.00 thallas fl-ahhar.

*“Mal-konvenut kont miftiehem li jhallasni elf u sitt mitt Ewro (€1600). Mill-ammont miftiehem il-konvenut kien hallasni mal-kuntratt is-somma ta’ erbha mija u hamsin ewro, u tliet mija u hamsin ewro kien tahomli f’Settembru 2017.” (fol 14 - Affidavit tal-attur).*

Min-naha l-ohra, il-konvenut ighid illi huwa hallas lill-attur tmien mitt Euro cash fil-gurnata tal-ftehim.

*“L-ewwel tkellimna, imbaghad gie, u gabli kuntratt hu, ma nafx minn fejn ghamlu, qal li ghamilhulu l-Avukat tieghu, tajtu tmien mija (800) cash, qalli 'dawn irridhom kollha cash ghaliex jien irrid naghti nofs sehem il-mara li ghandi’, ghax dik l-eks mara tieghu ghandha nofs il-gabbana, u jien accettajt….(fol 28)*

*“ Il-kuntratt beda fil-hamsa ta’ Lulju … Sa Novembru tat-two thousand and seventeen (2017). Ghal erba’ xhur, li kienu jigu erba’ mija (fix-xahar). Jien mill-ewwel ghedtlu ma nistax inhallashom kollha, qalli “imma jien rrid dawn it-tmien mija (800) biex naghtihom lil eks mara tieghi”, u kelli naccetta u accettajt u hekk ghamilna, gie l-hanut, hemm ix-xhud, tajnihomlu, ghamilli ircevuta. Wara hmistax minn dik id-data.” (fol29)*

(fol28 u fol 29 - Xhieda tal-konvenut - 11 ta’ Ottubru 2019).

**It-tieni pagament ta’ tmien mitt Euro**

Illi ghal dak li huwa t-tieni pagament li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, l-attur qed jistrieh fuq il-kambjala li giet prezentata minnu.

*“Konna ftiehmna li jhallasni somma ohra ta’ tmien mitt ewro sal-10 ta’ Awwissu 2017. Dwar dan il-pagament ta’ tmien mitt ewro kienet saret kambjala li qed nesebixxi kopja taghha markata ‘B’.*

Illi min-naha, l-konvenut ighid li ghal dak li jirrigwarda t-tieni pagament, ghalkemm skond il-ftehim, din kellha ssir f’Awwissu, kien irranga mal-attur biex ihallsu wara:

*“It-tieni tmien mija (800) il-ftehim kien li jsir pagament iehor f’Awwissu, ok, u darba minnhom gie hemmhekk il-gabbana jiehu drink, qalli ‘imbaghad nirrangaw, mhix problema,’ imbaghad gara li gara. (fol 52 -Xhieda tal-konvenut).*

Illi l-konvenut ighid ukoll illi f' Settembru 2017, huwa kien avvicina lill-attur ghaliex kien ghalaq il-kiosk u battalha. Wara xi gimghatejn jew tlieta jigri wara l-attur, irrangaw fuq prezz ta' mitejn Euro, peress illi l-konvenut kien ser jaghtih il-kiosk lura qabel iz-zmien.

*"Fil-fatt wara tliet gimghat nigri warajh ma nafx kif qabad il-mobajl u qalli 'gej', anzi mort infittxu jiena go hanut li ghandu xi konnessjonijiet mieghu …. u sibtu hemmhekk fid-disgha ta' filghodu Gie l-hanut, tkellimna rigward flus, ghedtlu 'jiena billi ha naghtihielek qabel trid tirrangali prezz.' Accetta, tajtu mitejn ewro cash, ghandi x-xhud fuq dan, ma ghamillix ircevuta. Ftehmna li se mmorru ghall-kiosk jumejn wara ghax kien miet zijuwi Dun George Grima u kellna l-funeral. Dakninhar tal-funeral xi hadd ghogbu jisraq il-kiosk u l-affarijiet go fiha u taha n-nar." (fol 33)*

*".. dan weghdni li xhin tajtu t-two hundred Euros u t-total tela' ghal elf ewro b'kollox, ghamilna shake hands il-hanut, ftehmna li mmorru nigbru l-kiosk, l-irecevuta ta' mitejn ewro ma waslitli qatt." (fol 41)*

Ikkunsidra

It-Tribunal jinnota illi l-ftehim tal-5 ta' Lulju ma jaghmel l-ebda referenza ghall-kwalsiasi kambjala - la ghall-ewwel wahda li qatt ma giet esebita u lanqas ghat-tieni wahda li giet esebita mill-attur. Issa, ghalkemm il-konvenut, ma ressaq l-ebda eccezzjoni dwar in-nullita' o meno tal-kambjala, bil-gurament tieghu, cahad li wiehed mill-firem fuq il-kambjala kien tieghu. Pero' xorta wahda qabel illi l-ftehim originali kien ighid illi t-tieni pagament kellha ssir f'Awwissu.

Illi bhala fatt, il-kambjala in kwistjoni ma gietx girata u baqghet fil-pussess tal-kreditur. Huwa biss f'kaz li kambjala tigi girata li din takkwista karattru awtonomu. Fis-sentenza John Giordmaina et vs Joseph Pace tas-16 ta' Jannar 2003 per l-Imhallef Tonio Mallia, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:

*"…meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe' ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma independenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din tawwkista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess."*

*Minn dan jidher car li biss ghall-kaz li kambjala tigi girata li l-Qrati bdew jaccettaw "to detach the debt from the underlying transaction". In-"negotiability" ta' kambjala giet introdotta biex jigi salvagwardat it-transferee u QATT ma kien il-hsieb li l-kambjala*

*isservi bhala mezz awtonomu ta' pagament, anke meta tkun ghada fil-pussess tal-kontraenti originali.*

Fil-kaz in ezami, il-kambjala ma gietx girata u baqghet fil-fazi kuntrattwali (u ma dahlitx fil-fazi kambjarja). Gialdarba m'ghandhiex natura awtonima, tista' sservi biss bhala prova tal-obbligazzjoni jew bhala mezz ahjar biex jintwera d-dejn, pero' ma tistax timxi wahedha. Kwindi, t-Tribunal mhux ser jistrieh fuq il-kambjala u jittrattaha bhala obbligazzjoni awtonoma. It-Tribunal irid jimmira l-indagni tieghu lejn in-negozju li attwalment sar. Fil-fattispecje din l-indagini hi *sic et simpliciter*, jekk hux minnu jew le illi l-partijiet konsenswalment accettaw it-terminazzjoni bikrija tal-kirja tal-gabbana a bazi tal-provi li hemm.

It-Tribunal ghalhekk ha jgaddi biex jezamina l-kreditu pretiz mill-kreditur a bazi tal-provi li hemm.

**Provi dokumentarji:**

**A. Ftehim datat 5 ta' Lulju 2017**

Illi skond il-ftehim esebit, (Dok A), jidher li l-konvenut hallas parti mill-prezz bhala depozitu fl-ammont ta' tmien mitt Euro. L-iskrittura datata 5 ta' Lulju 2017, bejn l-attur (owner/ sid) u l-kovenut (operator/ operatur), tinqara hekk:

The owner is granting the management of the kiosk to to the terms and conditions hereunder set out.

1. Possession of kiosk is to be delivered to operator on the signing of this private agreement.

2. Saving as hereunder set out, the kiosk will be delivered to the operator in the state and condition in which it is today.

3. This management agreement shall start running with effect from today up till end of November, two thousand seventeen (2017).

**4. The parties also agree that, the operator is hereby paying part of a contribution to the owner in the amount of eight hundred Euro (€800.00) and the other remaining balance of Euro (€800) shall be paid no later than 10 August 2017**. and that of which the whole amount covers the whole period of this agreement. This amount is

exclusive of VAT. the tax receipt shall be issued in favor of the Operator when the operator pays the full amount of VAT due on that amount.

Il-klawzoli l-ohra mhumiex relevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza.

**B. Il-Kambjala datata 10 ta' Lulju 2017.**

Il-kambjala taqra hekk:

Malta 10th July 2019 Exchange for €800
On the ten (10th) August two thousand seventeen (2017) pay this sole Bill of Exchange to the order Alexander Axiak (ID22373G) the sum of eight hundred Euros, value received and place for account.

To: Gorg Mario Farrugia
ID24984G
Son of Carmel Farrugia and Josephine nee Grima
Residing Marsalforn

Fuq in-naha tax-xellug, vertikalment, hemm il-kliem " I ACCEPT".
Fuq in-naha tal-lemin, l-isfel, jidhru zewg firem.

Ikkunsidra

Illi ma hemmx dubju u ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi kien hemm skrittura bejntiehom fejn il-konvenut obbliga ruhu illi jhallas lill-attur l-ammont ta' €1,600, rapprezentanti kera ta' mobile kiosk li kien ser jigi operat mill-konvenut ghax-xhur bejn Lulju u Novembru. Illi fix-xhieda tieghu, l-konvenut ma jaghmel l-ebda referenza ghal kambjala jew wisq inqas, ghal kambjali. Jirreferi biss ghall-ftehim tal-5 ta' Lulju u jghid illi hu kien hallas is-somma ta' tmien mitt Euro fl-istess gurnata tal-ftehim u ta' dan l-attur kien ghamillu ircevuta. (fol 29). Din l-ircevuta qatt ma giet esebita ghaliex skond il-konvenut d-dokumenti kollha li kellu (fosthom il-kuntratt tal-kiosk u l-permess tal-gabbana) kienu taht il-cash register u nharqu meta l-kiosk hadet in-nar. (fol 36.) Il-konvenut spjega li ghalkemm kien nehha l-istock, halla d-dokumenti hemm biex jekk l-Awtoritajiet jaghmlulu rapport, ikollu dokumenti biex ikun jista' juri. Filwaqt illi l-konvenut gharaf il-firma tieghu fuq il-kuntratt, cahad illi l-firma fuq il-kambjala kienet tieghu. Qal illi wara l-hlas tal-mitejn Euro - u allura meta kien hallas total ta' €1,000, l-affari spiccat hemm. Ghalkemm stenna l-ircevuta tal-mitejn Euro, din qatt ma waslet.

Illi min-naha l-ohra, fil-kontro-ezami tieghu, l-attur ighid li kien hemm zewg kambjali: l-ewwel kambjala tah lill-konvenut f'idejh meta ffirmaw il-kuntratt, (ghaliex fdah), versu s-somma ta' erba mija u hamsin Euro bil-patt illi ha jhallas il-bilanc ta' tlett mija u hamsin Euro l-ghada jew sal-ahhar tal-gimgha. Dan il-hlas ta' €350.00 pero' baqa' ma sarx f'Lulju u l-konvenut tahomlu biss "fl-ahhar" (fol58/ 59). L-attur ighid ukoll illi baqa' ma rcieva xejn mill-kambjala l-ohra ta' tmien mitt Euro, li kellha tithallas sal-10 ta' Awwissu 2017. (fol59).

*Jien gbart tmien mija. Meta ffirmajna l-kuntratt il-kambjali firmajnihom dakinhar stess, wahda minnhom tajthielu f'idejh ghax fdajtu ghax qal li ha jhallasni l-ghada u tani erba' mija u hamsin, tahomli fl-fahhar wazi t-tliet mija u hamsin l-ohra li qed ighid hu - mhux mitejn, u l-kambjala l-ohra baqghet ghandi ghax baqa' ma tani xejn.*

Ikkunsidra

It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi dak li xehed l-attur fil-kontro-ezami, ma jsibx konfort, la fil-ftehim originali wisq anqas fl-affidavit tal-attur. Il-ftehim tal-5 ta' Lulju ma jaghmilx referenza ghal kambjali - la l-ewwel wahda u l-anqas l-ohra. L-affidavit tal-attur jaghmel referenza BISS ghal kambjala wahda li giet esebita fl-atti u li kienet fil-pussess tal-attur. Pero' umbaghad, fil-kontro-ezami, l-attur jaghmel referenza ghall-kambjala ohra, li ghal xi raguni kopja taghha ma gietx esebita fl-atti u l-attur ma jsemmihiex fl-affidavit tieghu.

Min-naha l-ohra, l-konvenut filwaqt illi jirrikonoxxi l-ftehim originali, imkien fix-xhieda tieghu ma jsemmi kambjala jew kambjali. Anzi, jichad illi l-firma fuq il-kambjala hija tieghu. Ighid biss illi hallas l-attur depozitu ta' tmien mitt Euro fl-istess gurnata tal-ftehim u li kellu jhallas tmien mija ohra sal-10 ta' Awwissu 2017. Dan huwa korroborat mill-istess ftehim fir-raba klawzola. Fic-cirkostanzi, n-nuqqas ta' ircevuta fuq l-ewwel pagament ma taghmel l-ebda differenza ghaliex il-ftehim stess huwa forma ta' rcevuta fih innifsu. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-versjoni tal-konvenut - u cjoe' illi hallas l-attur l-ewwel pagament ta' tmien mitt fil-gurnata tal-kuntratt hija iktar verosimili fic-cirkostanzi.

Illi dan iffisser illi l-pagament li sar mill-konvenut f'Settembru, kien ikopri parti mit-tieni pagament ta' tmien mitt Euro. Il-konvenut ighid illi l-ammont kien ta' mitejn Euro, u li dan kien prezz li kien irranga mal-attur peress illi kien ha jaghtih il-kiosk lura xahrejn qabel iz-zmien. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut ighid hekk:

*"Gie l-hanut, tkellimna rigward flus, ghedtlu 'jiena billi ha naghtihilek qabel trid tirrangali prezz.' Accetta, tajtu mitejn ewro cash. Ftehmna li se mmorru ghall-kiosk*

*jumejn wara ghax kien miet zijuwi… Jiena fl-ghaxra ta filghodu dakinhar tal-funeral qomt preparat biex nirmunkaw il-kiosk f'nofsinhar ghax hekk kien il-ftehim, avvicinajt lil Alex u ftehmna … " (fol 33 u 34)*

Dan il-ftehim gie konfermat anke mill-attur stess, li ighid hekk:

"cempilli hu biex nigbru l-gabbana ghax gej ir-rih il-gimgha d-diehla, ghedtlu 'illum ma nistax' ghedtlu 'nistghu immorru ghada?' Qalli 'iva'.

U jsib ukoll korroborazzjoni fix-xhieda ta' Godwin Cauchi, li l-konvenut kien l-ewwel ftehem miehgu biex imur jigbor il-gabbana, umbaghad qallu li kien ser imur miehgu l-attur:

*" .. cempilli, qalli isma dik ha nigbru l-gabbana, tistax tghinni nignor il-gabbana. Imbaghad wara gimgha jew gimghatejn cempilli qalli hemmhekk tigix ghall-gabbana ghax ha jigborha Alex. Alex, l-owner tal-gabbana, ghax qalli tajtu l-ahhar pagament u ma jigborha hu, mhux ha nigborha jiena. Ghax jien kelli truck bil-ganc biex nigbor il-gabbana u qal li ha jigborha hu u ghalli ma ghandekx ghalfejn tigborha." (fol 78).*

**Fatti inkontestabbli:**

1. Illi skond il-ftehim tal-5 ta' Lulju, dakinhar stess sar hlas mill-konvenut ta' tmien mitt Euro u kien ghad baqa' hlas ta' tmien mitt Euro li kellu jsir sal-10 ta' Awwissu 2017;

2. Sa l-10 ta' Awwissu 2017 il-tieni hlas ma sarx;

3. F'Settembru sar pagament ulterjuri mill-konvenut lill-attur;

4. Lejlet li nharqet il-gabbana, il-konvenut u l-attur kien miftiehmin li ha jigbru il-kiosk;

5. Il-gabbana inharqet gurnata wara dan il-ftehim, lejn l-ahhar ta' Settembru 2017.

Illi meta wiehed iqis dawn ic-cirkostanzi kollha, wiehed kien jistenna li jekk il-hlas li sar f'Settembru kien verament parti mill-ewwel pagament ta' tmien mitt Euro (li skond il-ftehim kien diga thallas mill-konvenut fl-intier tieghu), allura kien fl-interess tal-attur illi jaghmel ircevuta jew xi tip ta' addendum fuq il-kuntratt li jiccara dawn il-fatti, biex ma jhalli l-ebda dubju.

Illi dan il-pagament ulterjuri, abbinat mal-fatt illi l-partijiet kienu ftehmu li ha jirmunkaw il-kiosk (kif korroborat ukoll mix-xhud Godwin Cauchi) ikompli jissahhah il-

versjoni tal-konvenut, anke meta wiehed jikkunsidra illi l-kirja kienet fuq perjodu ta' kwazi hames xhur (u mhux erba') u ghalhekk mill-5 ta' Lulju sal-ahhar ta' Settembru (xahrejn u hamsa u ghoxrin gurnata), il-konvenut kien imissu jhallas xi €960.00, li huwa vicin is-somma ta' elf Euro li skond hu hallas.

It-Tribunal huwa tal-fehma wkoll illi jekk l-attur verament kien ingidem mill-konvenut ghaliex dan dam kwazi tlett xhur biex ihallsu l-ewwel pagament, wara l-incident tan-nar ma kienx ser ihalli kwazi sena jghaddi minghajr ma jipprova jigbor it-tieni pagament. Ghajr il-kambjala li hija datata 10 ta' Lulju 2017, l-attur ma pprezenta l-ebda messagg jew gab xi prova ohra li juri li l-konvenut kellu itih xi flus, jew li l-attur kien qed jippretendi li jiehu xi flus. It-Tribunal huwa sodisfatt mill-versjoni tal-konvenut, u cjoe' illi l-attur kien accetta illi jiehu lura il-kiosk qabel iz-zmien u ta' dan thallas mitejn euro. Meta t-Tribunal jizen bejn iz-zewg versjonijiet ifittex liema versjoni hi l-aktar probabbli. Dawn l-elementi appena rilevati kollha izidu il-kredibilita tal-konvenut u jnaqqsu dik tal-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribiunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tal-attur. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*